

# Familja waħda

**Dario Vella**
*Is-Sindku tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa*



Nixtieq nibda billi nirringrazzja minn qalbi lill-Għaqda Mużikali Imperial ta' din l-opportunità biex inwassal il-messaġġ tiegħi bħala Sindku tal-Mellieħa fil-ktejjeb li l-għaqda tippubblika ta' kull sena fl-okkażjoni tal-festa.

Għaddiet sena u wasal iż-żmien tal-festa. Għalkemm il-festa tiġi darba fis-sena, fejn issa ħa jkun ilna ma niċċelebrawha għal dawn l-aħħar sentejn, però naf l-impenn ta' dawk kollha involuti fix-xogħol ta' preparazzjoni biex tiġi ċċelebrata festa mill-aqwa. Dak hu l-pjaċir tal-festa, li tara familja waħda magħquda fejn bi mħabba jagħmlu sigħat twal ta' volontarjat. Naf u nifhem kemm huma kbar l-ispejjeż biex issir festa speċjalment wara sentejn bla attivitajiet, iżda bl-appoġġ u bl-għajnuna ta' kulħadd, nemmen li naslu wkoll biex tittella' festa oħra mill-isbaħ.

Il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa jagħti wkoll is-sehem tiegħu biex tiġi ċċelebrata l-festa tar-raħal tagħna, fejn b'mod partikolari din is-sena, anke bħala Kunsill ħadna numru ta' deċiżjonijiet bżonjużi u importanti biex naraw li t-tradizzjonijiet tal-festa jibqgħu jiġu ċċelebrati anke fil-futur u ma jintilfux. Dan għamilnieh bħala familja waħda b'taħditiet mal-għaqdiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-festa tar-raħal. Barra minn hekk, matul is-sena l-Kunsill jorganizza numru t'attivitajiet fejn ma jonqosx is-sehem tal-għaqdiet tal-lokal ukoll. Minn qalbi nirringrazzjahom tal-impenn li juru lejn il-komunità.

Il-festa ta' Marija Bambina hija festa unika u għaldaqstant għandna nibqgħu niċċelebraw din il-festa qaddisa kif jixraq, bħala familja waħda. Minn qalbi nħeġġeġ lill-Melleħin kollha biex jieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet reliġjużi u anke dawk esterni li jsiru f'dawn il-jiem tal-festa. Nitlob lil Marija Bambina tħarisna u tkompli tgħaqqadna biex inkomplu niċċelebrawha bħala familja waħda.

Nixtieq nagħlaq dan il-messaġġ billi f'ismi u f'isem sħabi l-kunsilliera kollha u l-istaff tal-kunsill, nirringrazzja lill-President is-Sur Josef Borg u lil sħabu kollha tal-ħidma bla waqfien tagħhom matul is-sena kollha u lill-familjari tagħhom tas-sapport. Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.

Viva Marija Bambina!

CLD
Caruana Light Decorations
Mob: 7984 5121